# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 582/2022 TA**

**Dr. David Gatt**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**U**
**L-Avukat tal-Istat**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' l-Avukat David Gatt (l-Attur) tal-1 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. ''Illi f'Jannar tas-sena 1989 l-esponenti ġie ammess fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' Kuntistabbli;

2. Illi f'Diċembru tas-sena 1993, l-esponenti ingħata promozzjoni għall-grad ta' Spettur u ġie stazzjonat fl-Għassa tal-Belt;

3. Illi fis-sena 1995, l-esponenti ġie stazzjonat fl-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ u sussegwentament fl-1996 huwa ġie stazzjonat fl-Għassa tar-Rabat u l-Hamrun, fejn huwa baqa' jaqdi dmiru sat-3 ta' Mejju, 2001;

4. Illi fit-3 ta' Mejju, 2001, l-esponenti irċieva ittra mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, is-Sur George Grech, fejn fiha huwa infurmaħ li l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kienet approvat li huwa jitneħħa mill-Korp tal-Pulizija ai termini tal-Artikoli 11(iii) u 28 tal-Ordinanza tal-Pulizija (1961) b'effett minn dakinhar stess (DOK A).

5. Illi fl-istess ittra, huwa ġie infurmat illi kien qed jingħata pensjoni tat-Tezor skond l-Artikolu 114(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 33 tal-Ordinanza fuq riferita;

6. Illi l-pensjoni li għaliha saret referenza inħadmet fuq tnax -il sena u nofs servizz u tammonta għas-somma ta' Euro436.36;

7. Illi l-esponenti preżenta kawża sabiex jimpunja l-validita' tat-tneħħija tiegħu mill-Korp tal-Pulizija, fil-forma ta' stħarriġ ġudizzjarju skond l- Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi b'sentenza finali tas-6 ta' Settembru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet David Gatt vs Prim Ministru Hon Edward Fenech Adami u l-Kummissarju tal- Pulizija, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) preseduta mill-Onor. Imħallef. Dr. Vincent Degaetano ċaħdet l-appell tal-intimati f'dina l-kawża, u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza datata s-27 t'April, 2009 billi iddikjarat null, invalidu u mingħajr effett l-għemil tal-Prim Ministru u l-Kummissarju ta' dak iż-żmien meta huma neħħew lill-esponenti minn membru tal-Korp tal-Pulizija u ordnatilhom jerġgħu ipoġġuħ fil-pożizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001 u għalhekk fl-istess grad fil-korp li kellu qabel dakinhar. Il-Qorti iddikjarat ukoll lill-konvenuti responsabbli għad-danni jekk huwa sofra tali danni (DOK B,C);

9. Illi fil-15 t'Ottubru, 2010, u ċioe' xahar u ġimgħa wara dina s-sentenza, l-esponenti irċieva ittra mill-Uffiċċju tal-Prim' Ministru iffirmata minn Dr. Godwin Grima fil-vesti tiegħu ta' Segretarju Permanenti Ewlieni ta' dak iż- żmien (DOK D), fejn huwa ġie infurmat testalment illi;

"F'dan id-dawl, il-Kap tad-Dipartiment ikkonċernat, ossija l- Kummissarju tal-Pulizija, iħoss li ma kienx hemm triq oħra għajr illi tiġi eżegwita s-sentenza fis-sens li l-arloġġ jitreġġa lura għall- pożizzjoni li kienet fit-3 ta' Mejju, 2001, **f'liema pożizzjoni int attwalment tinsab',** għaldaqstant abbażi tad-dokumentazzjoni annessa, huwa jħoss li għandu jiġi deċiż li huwa fl-interess pubbliku li inti tiġi kkunsidrat irtirat mill-Korp, il-bażi ta' dina t-talba hija d- dokumentazzjoni annessa."

10. Illi f'din l-ittra, s-Segretarju Permanenti Ewlieni ta' dak iż-żmien jirrikonoxxi li fil-15 t'Ottubru, 2010 l-esponenti kien għadu impjegat mal- Korp tal-Pulizija fil-grad ta' Spettur, bid-differenza li huwa kien ilu ma jitħallas is-salarju tiegħu sa mit-3 ta' Mejju, 2001;

11. Illi sussegwentament fl-1 ta' Novembru, 2010, l-esponenti talab lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tinibixxi lill-intimati milli jitterminaw l-impjieg tiegħu minn mal-Korp b'dan il-mod, liema talba intlaqgħet b'mod definittiv b'digriet tal-Qorti datat is-17 ta' Novembru, 2010;

12. Illi fis-6 ta' Diċembu, 2010 l-esponenti preżenta kawża fil-forma ta' stħarriġ ġudizzjaru kontra il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dr. Lawrence Gonzi, il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal- Prim Ministru, fejn huwa talab lill-Qorti;

   a. ssib li huwa ġarrab ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu u li d-deċiżjoni mehuda mill-imħarrkin li jitolbu li jerġgħu jittieħdu kontrih proċeduri dixxiplinari quddiem il- Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija att amministrativ li jmur kontra l-prinċipji ta' dritt naturali bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) u l-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta' Malta;

   b. issib li ma tiswiex fil-liġi l-ittra mibgħuta lilu mill-imħarrkin fil-15 ta' Ottubru, 2010, li għarrfitu bit-tehid tal-imsemmija proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu;

   c. tordna li jibqgħu fis-seħħ "b'mod definit" l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Rik. 1680/10) maħruġ fis- 17 ta' Novembru, 2010; u

   d. ssib li huwa intitolat li jitħallas kumpens, **filwaqt li żamm sħiħ kull jedd ta' azzjoni għad-danni.** Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali.

13. Illi l-Qorti tal-Ewwel Istanza ċaħdet it-talbiet tal-esponenti b'sentenza tal- 20 t'Ottubru, 2016 li ġiet sussegwentament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-fl-4 ta' Mejju, 2022;

14. Illi mas-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell inħallu wkoll l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni preżentat mill-esponenti u għaldaqstant il-proċess mibdi fil- 15 t'Ottubru, 2010 fejn il-Kummissarju talab l-irtirar furzat tal-esponenti mill-Korp tal-Pulizija setgħa jkompli mingħajr ebda xkiel;

15. Illi sal-lum, l-esponenti għadu ma releva l-ebda notifika jew informazzjoni dwar dan il-proċess pendenti;

16. Illi jsegwi wkoll, illi ġialadarba dan il-proċess għadu mhux konkluż, l-esponenti għadu fl-istess pożizzjoni li kien fiha fit-3 ta' Mejju, 2001 u ċioe' għadu membru tal-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' Spettur;

17. Illi l-esponenti ilu ma jirċievi s-salarju tiegħu ta' Spettur sa mit-3 ta' Mejju, 2001;

18. Illi huwa fatt stabbillit ġudizzjarjment illi l-Kummissarju intimat u membri oħra tal-Gvern (ta' dak iż-żmien), li jirrapreżenta l-Istat Malti, instabu ħatja li bl-azzjonijiet tagħhom huma kkaġuna lil esponenti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti kemm mill-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

19. Illi sfortunatament, din il-leżjoni ta' dritt fil-konfront tal-esponenti baqgħet tipperesisti u hu għadu qed isofri danni konsiderevoli sal-lum, u dan minkejja l-fatt li huwa għamel dak kollu possibli biex din al-kwistjoni tiġi riżolta, kif del resto

l-Istat għamel ma' numru ta' individwi oħra li fl-istess perjodu ġew assoġġettati għall-istess trattament;

20. Illi l-Kummissarju intimat u l-Istat huma tenuti jwieġbu għad-danni li ġew kkaġunati u li għadhom qed jiġu kkaġunati lill-esponenti;

21. Illi l-Kummissarju intimat u l-Avukat tal-Istat ġew interpellati sabiex jersqu għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni kkaġunati lill-esponenti permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fis-17 ta' Mejju, 2022, notifikata kemm lill-Kummissarju kif ukoll lill-Avukat tal-Istat, iżda naqsu milli jwieġbu;

22. Illi għaldaqstant qegħdha ssir dina l-kawża.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex;

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, bl-azzjonijiet tagħhom, ikkaġunaw danni konsiderevoli lill-esponenti;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-ħlas tad-danni kkaġunati minnhom jew min minnhom lill-esponenti;

3. Tillikwida bl-opra ta' perit nominandi somma rappreżentanti d-danni sofferti mill-esponenti;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' ittra uffiċjali datata s-17 ta' Mejju, 2022 (ittra numru: 2037/2022) u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni''.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju Tal-Pulizija u tal-Avukat tal-Istat tat-23 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

''Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

**Dikjarazzjoni tal-Fatti mill-Esponenti**

1. Illi *in primis* l-esponent Avukat tal-Istat jispjega illi huwa jassisti lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija bħala Avukat tal-fiduċja tiegħu u m'għandu ebda konnoxxenza personali tal-fatti;

2. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva s-segwenti fatti kif magħrufin lilu:

L-attur daħal fil-Korp fl-24 ta' Jannar 1989 u laħaq Spettur fid-29 ta' Novembru1993.

Illi fix-xahar ta' Frar 2001 waqt investigazzjoni li kienet għaddejja b' rabta ma' *hold- up* li kien sar fuq uffiċċjali tas-sigurta' tal-Group 4, f' Ottubru tas-sena 2000, l-isem tal-Ispettur David Gatt kien issemma wara li ġew inttraċati xi telefonati bejn l- Ispettur u xi persuni notorji, magħrufin sew mal-Pulizija.

Illi in vista ta' din l-investigazzjoni, nhar il-5 ta' Marzu 2001, il-Kummissarju ta' dak iż-żmien, is-sur George Grech, permezz ta' ittra lill-Prim Ministru u lill- Ministru tal-Intern, talab sabiex l-Ispettur David Gatt, flimkien ma' żewġ uffiċjali oħra, ma jibqgħux iservu bħala membri tal-Korp għax dan ma kienx għadu fl- interess pubbliku;

B'ittra datata 13 ta' Marzu 2001, is-Segretarju Permanenti Ewlieni, kien għarraf lis-Segretarju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li l-Prim Ministru kien approva biex l-Ispettur David Gatt, flimkien ma' uffiċjal ieħor, jiġu mneħħija mill- Korp, għall-interess pubbliku. Kien ġie approvat ukoll li l-Ispettur Gatt, li kellu aktar minn għaxar snin servizz **kellu jieħu pensjoni ai termini tal-artikolu 33 tal- Ordinanza tal-Pulizija (*liema pensjoni għadu jiħodha sal-ġurnata tal-lum*).**

Fit-2 ta' Mejju 2001, is-Segretarju Permanenti Ewlieni, bagħat jgħarraf lill-Kummissarju li l-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is- Servizz Pubbliku, approva sabiex ai termini tal-artikoli 11(iii) u 28, tal-Ordinanza tal-Pulizija (1961), l-attur u uffiċjal ieħor, jiġu mneħħija mis-servizz pubbliku. Fil- waqt li l-attur flimkien ma' Spettur ieħor li kien investigat fuq reati separati, kellhom jingħataw pensjoni tat-teżor ai termini tal-artikolu 33 tal-imsemmija Ordinanza.

Fit-3 ta' Mejju 2001, il-Kummissarju bagħat jinforma lill-attur bid-deċiżjoni tal- Prim Ministru li b'effett mit-3 ta' Mejju 2001 stess, huwa kien ser jiġi mneħħi mis- servizz pubbliku u kien ser jirċievi pensjoni. L-għada, 4 ta' Mejju 2001, Gatt kien daħħal protest ġudizzjarju fil-Prim Awla tal-Qorti Civili rigward it-tkeċċija tiegħu. In segwitu ta' dan il-protest, l-attur kien fetaħ kawża għal stharriġ ġudizzjarju, liema kawża ġiet intavolata nhar id-19 ta' Settembru 2001 (REF:1548/01 JRM). F'din il-kawża l-attur ilmenta li l-proċedura għat-tneħħija mis-servizz pubbliku, kif jitlob ir-regolament 35 tal-Avviż Legali 186 tal-1999 (ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Proċeduri ta' Dixxiplina) ma ġietx segwita.

Illi din il-kawża, in parte, ġiet deċiża mill-ewwel Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2004. Rigward l-eċċezzjonijiet preliminari l-Qorti qalet li kellha dritt tissendika egħmil amministrattiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Għaldaqstant, il-Qorti kienet ċaħdet dawn l-ecċezzjonijiet u ordnat li l-kawża titkompla fuq il-mertu. Illi fuq il-mertu, il-kawża ġiet deċiża fis-27 t April 2009. F'din is-sentenza, il-Qorti ordnat li l-Ispettur David Gatt, jerġa' jitpoġġa fis-sitwazzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001, fl-istess grad fil-Korp. Illi s-sentenza kienet ġiet appellata u fis-6 ta' Settembru 2010, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti.

Illi fis-7 ta' Settembru 2010, il-Kummissarju kiteb lill-Kap tas-Servizz Pubbliku Dr. Godwin Grima fejn infurmaħ, li in vista tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li ordnat li David Gatt jerġa' jiddaħħal lura fil-Korp, fil-pożizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001, u peress li l-imġiba tal-istess attur ma kienetx aċċettabli fil-Korp, il-pożizzjoni tal-attur ma kienetx għadha aktar tenibbli. Għaldaqstant, ġie rrakomandat sabiex l-istess Dr. Grima, ai termini tar-regolament 35(1)(a) tal- Regolamenti tal- Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Proċeduri ta' Dixxiplina, jistħarreġ ir- rapporti li kien hejja l-Kummissarju preċedenti s-sur George Grech datati 5 ta' Marzu 2001, sabiex jiskatta l-proċess ħalli l-attur ikun jista' jiġi mneħħi mis-servizz pubbliku skont il-proċedura msemmija f'regolament 35 tal-Avviż Legali 186/1999.

Illi fis-7 ta' Settembru 2010, l-Kummissarju kiteb ukoll lill-Prim Ministru sabiex ai termini tal-artikolu 86 tal-artikolu 86 tal-Kostituzzjoni, in vista tas-sentenza tal- appell, jirreferi lura lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ħalli tirrikonsidra r-rakkomandazzjoni dwar it-tneħħija mis-servizz pubbliku li kienet saret fl-2001. Fl-10 ta' Settembru 2010

l-Kummissarju reġa kiteb lill-Kap tas-Servizz Pubbliku u nfurmaħ li kien jikkonsidra li t-tliet uffiċjal li l-Qorti ordnat li kellhom jerġgħu jiddaħħlu lura fil-Korp, fosthom David Gatt, ma kellhomx jiddaħħlu minħabba l- impatt negattiv li kien ser jinħoloq fuq il-kontabilta' u fiduċja li l-pubbliku jistenna minn kull uffiċjal u għaldaqstant ikun fl-interess pubbliku li dawn l-uffiċjali jiġu rtirati. Fl-14 ta' Settembru 2010 l-Kummissarju kiteb ittra oħra lill-Kap tas-Servizz Pubbliku sabiex jiġġustifika għaliex l-attur kellu jitneħħa mis-servizz pubbliku, b' konsegwenza tal-investigazzjoni li kienet saret fl-2000/2001.

Illi fil-15 t'Ottubru 2010, il-Kap tas-Servizz Pubbliku bagħat jagħrraf lil Dr. David Gatt li abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-Kummissarju jħoss li fl-interess pubbliku huwa kellu jiġi kkunsidrat bħala rtirat mill-Korp. David Gatt kien ingħata 15-il jum tax-xogħol biex jagħti r-raġunijiet għaliex ma kellux jilqa' t-talba tal-Kap tad-Dipartiment. Illi nhar l-1 ta' Novembru 2010, Dr. Gatt kien talab għal mandat t' inibizzjoni li ġie milqugħ provizorjament u fis-17 ta' Novembru 2010, il- Mandat ta' Inibizzjoni intlaqa *in toto.*

Fis-27 ta' Novembru 2010, Dr. Edward Gatt għan-nom ta' Dr. David Gatt, staqsa lill-Kummissarju sabiex jgħidlu meta l-klijent tiegħu kellu jirraporta għax-xogħol u sabiex iħallas kumpens dovut konsistenti f' telf ta' paga, allowances, leave mhux mehud, telf ta' xogħol fil-Hdud u festi, u bonuses. B' risposta, il-Kummissarju bagħat jgħarraf lil Dr. Edward Gatt li wara li David Gatt kien ġie rtirat fl-interess pubbliku, il-pożizzjoni tal-Korp kienet li huwa ma jerġax jiddaħħal lura fil-Korp peress li kellu jiġi rtirat mill-ġdid fl-interess pubbliku mill-Korp, b' effett mit-3 ta' Mejju 2001. Infurmaħ ukoll li kienu nbdew proċeduri fil-konfront ta' David Gatt ai termini tar-regolament 35 tal-Avviż Legali 186/1999, liema proċeduri kienu sospiżi temporanjament kawża tal-Mandat t' Inibizzjoni li kien talab David Gatt stess. Għaldaqstant sakemm dawn il-proċeduri jiġu konklużi, it-talba ta' David Gatt ma setgħetx tintlaqa. Nhar is-6 ta' Diċembru 2010, Dr. David Gatt intavola rikors ġuramentat li ta bidu għall-kawża dwar stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 (kawża nru. 1262/2010).

Nhar id-29 ta' Settembru 2011, il-Qorti għaddiet għas-sentenza rigward l-eċċezzjonijiet preliminari u ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Illi l-kawża ġiet deċiża mill-ewwel qorti fl-20 t'Ottubru, 2016, liema kawża ġiet appellata. Nhar it- 18 ta' Marzu 2017, Dr. Edward Gatt kiteb lill-Kummissarju fejn infurmaħ li l-klijent tiegħu sofra danni enormi stmati li jlaħħqu €225,000. Huwa għamel referenza għal każ ta' Ivan Portelli li kien ingħata kumpens talli ġie rtirat mill-Korp. Nhar il-15 ta' Mejju 2017, Dr. Edward Gatt bagħat ittra uffiċjali lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jersaq għall-assunzjoni u likwdazzjoni tad-danni sofferiti minn David Gatt. Illi nhar l-24 ta' Marzu 2018, Dr. Edward Gatt reġa kiteb lill-Kummissarju u lill- Prim Ministru sabiex il-klijent tiegħu jingħata kumpens talli nġustament ġie mneħħi mill-Korp. Fid-29 t' Awwissu 2018, Dr. David Gatt, bagħat ittra uffiċjali oħra din id-darba kemm lill-Kummissajru kif ukoll lill-Prim Ministru sabiex jingħata kumpens xieraq;

Fil-15 ta' Frar 2021, Dr. David Gatt bagħat email lill-Kummissarju preżenti fejn infurmaħ li l-Kummissarju preċedenti, is-sur Lawrence Cutajar kien għarrfu li kien kiteb lis-Segretarju Permanenti Ewlieni sabiex hu (David Gatt) jingħata kumpens jew jerġa' jiddaħħal fil-Korp. Illi fl-4 ta' Mejju 2022, l-appell tal-kawża nru. 1262/2010 ġie deċiż bil-konsegwenza li l-mandat t'inibizzjoni tas-17 ta' Novembru 2010, waqa'.

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

Illi in linea preliminari, l-intimat l-Avukat tal-Istat jeċepixxi illi huwa m'huwiex il- leġittimu kontradittur għal pretensjonijiet vantati mill-attur. Kwindi bl- applikazzjoni tal-artikolu

181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponent Avukat tal-Istat għandu jiġi liberat minnufiħ mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi t-talbiet elenkati fir-rikors ġuramentat in risposta huma *res judicata stante* illi huma talbiet għal likwidazzjoni u dikjarazzjoni ta' danni liema talbiet ġew deċiżi permezz tas-Sentenza finali tal-4 ta' Mejju 2022 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***"David Gatt v. Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru"*** (rikors numru: 1262/10/1 JRM). Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tipproċedi sabiex tisma' l-kawża odjerna u *stante* illi t-talbiet odjerni huma ***Res Judicata****;*

Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi t-talba għal danni hija perenta biż-żmien sentejn (2) ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta u kwindi għandha tiġi ddikjarata bħali tali;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi *dato ma non concesso* li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi l-premessi numru 18 u 19 elenkati fir-rikors ġuramentat in risposta huma inveritieri stante illi ma jeżisti ebda ġudikat Kostituzzjonali fejn l-Istat ġie kkundannat illi qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tal-attur. Għaldaqstant din l-allegazzjoni hija fiergħa u vessatorja intiża biss sabiex tiżgwida u tagħti stampa skoretta tal-fatti;

Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi kif ser jirriżulta, l-attur beda jipperċepixxi l-pensjoni *pro rata* mis-sena 2001 u għadu jirċeviha sal-ġurnata ta' llum. Għalhekk l-attur aċċetta li huwa rtirat mis-servizz u m'huwiex uffiċjal fil- Korp tal-Pulizija;

Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi l-attur aċċetta illi huwa m'għadux fil-Korp tal-Pulizija wara s-sentenza fl-ismijiet "***Gatt David Vs. Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi et"*** (1262/2010) deċiża fid-29 ta' Settembru 2011 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u dan stante illi f'ittra elettronika mibgħuta fil-15 ta' Frar 2021 huwa talab lill-Korp tal-Pulizija sabiex jidħol lura fil- Korp. Din it-talba nnifisha hija ammissjoni u aċċettazzjoni illi huwa ma kienx parti fil-Korp (kopja informali ta' korrispondenza mibgħuta mill-Avukat tal-fiduċja tal- attur lill-Korp tal-Pulizija datata 15 ta' Frar 2021 hawn annessa u mmarkata Dok 'COP 2');

Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet tal-attur huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur''.

Rat l-Atti u dokumenti kollha f'dawn il-proċeduri.

Rat ir-rikors tħalla għal-lum biex tingħata Sentenza fuq ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti dwar ir-*res judicata*.

**Punti ta' fatti**

L-Attur ġie ingaġġat fil-Korp tal-Pulizija f'Jannar tal-1989 u f'Diċembru tal-1993 ġie promoss għall-grad ta' Spettur u ġie stazzjonat f'diversi għasses fosthom tal-Belt, tar-Rabat u tal-Hamrun.

Fit-3 ta' Mejju, 2001, il-Kummissarju tal-Pulizija kiteb lill-Attur dak iż-żmien George Grech, fejn infurmaħ li l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku kienet approvat it-tneħħija tiegħu mill-Korp ai termini tal-artikolu 11(ii) u 28 tal-Ordinanza tal-Pulizija b'effett mid-data msemmija. Gie infurmat ukoll li kien ser ikun qiegħed jirċievi pensjoni tat-Teżor skond id-disposizzjonijiet 114(1) tal-Kostituzzjoni u 33 tal-Ordinanza. Din il-pensjoni leħħa tkun fl-ammont ta' €436.36 fix-xahar.

L-Attur proċeda b'Kawża abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta biex isir stħarriġ ġudizzjarju dwar il-validita' tat-tneħħija tiegħu fil-Korp u allura biex jannulla din id-deċiżjoni. B'konsegwenza ta' hekk permezz ta' Sentenza tas-6 ta' Settembru 2010 fil-Kawża fl-ismijiet David Gatt -vs- Prim Ministru Hon Edward Fenech Adami u l-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti tal-Appell Superjuri ikkonfermat is-Sentenza l-oħra tal-Prim Instanza tas-27 ta' April 2009 li permezz tagħha l-għemil tal-Prim Ministru u Kummissarju tal-Pulizija ġie dikjarat null, invalidu u mingħajr effett u ordnatilhom jerġgħu jpoġġu lill-Attur fl-istess posizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju 2001. F'dik is-Sentenza il-Qorti ddikjarat

ukoll lill-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija bħala responsabbli għad-danni jekk huwa sofra d-danni.

Wara din is-Sentenza, l-Attur irċieva ittra oħra, din id-darba datata 15 ta' Ottubru 2010, iffirmata minn Dr. Godwin Grima, Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li nfurmaħ hekk:

"F'dan id-dawl, il-Kap tad-Dipartiment ikkonċernat, ossija l-Kummissarju tal-Pulizija, iħoss li ma kienx hemm triq oħra għajr illi tiġi eżegwita s-sentenza fis-sens li l-arloġġ jitreġġa lura għall-pożizzjoni li kienet fit-3 ta' Mejju, 2001, f'liema pożizzjoni int attwalment tinsab', għaldaqstant abbażi tad-dokumentazzjoni annessa, huwa jħoss li għandu jiġi deċiż li huwa fl-interess pubbliku li inti tiġi kkunsidrat irtirat mill-Korp, il-bażi ta' dina t-talba hija d-dokumentazzjoni annessa."

B'konsegwenza ta' hekk, l-Attur ottjena il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtoritajiet intimati ta' dak in-nhar biex iżommhom milli jitterminawlu l-impieg tiegħu minn mal-Korp u dan b'digriet tas-17 ta' Novembru 2010. In segwitu ta' dan il-mandat l-Attur presenta Kawża fis-6 ta' Diċembru 2010 għal darba oħra abbażi tal-artikolu 469A kontra il-Prim Ministru Lawrence Gonzi, il-Kummissarju tal-Pulizija u S-Segretarju Parlamentari Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru bis-segwenti talbiet:

''Ssib li huwa ġarrab ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu u li d-deċiżjoni mehuda mill-imħarrkin li jitolbu li jerġgħu jittieħdu kontrih proċeduri dixxiplinari quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija att amministrativ li jmur kontra l-prinċipji ta'

dritt naturali bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) u l-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

‘’Issib li ma tiswiex fil-liġi l-ittra mibgħuta lilu mill-imħarrkin fil-15 ta' Ottubru, 2010, li għarrfitu bit-tehid tal-imsemmija proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu;

Tordna li jibqgħu fis-seħħ "b'mod definit" l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Rik. 1680/10) maħruġ fis- 17 ta' Novembru, 2010; u

Ssib li huwa intitolat li jitħallas kumpens, **filwaqt li żamm sħiħ kull jedd ta' azzjoni għad-danni.** Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali’’.

Din il-Kawża ġiet mitlufa kemm fl-ewwel istanza u anke fit-tieni bid-dati rispettivi tal-20 ta’ Ottubru 2016 u 4 ta’ Mejju 2022 biex b’hekk anke ġew maħlula l-effetti tal-mandat ta’ inbizzjoni fuq imsemmi.

l-Attur isostni li sal-lum l-proċess kontra tiegħu għadu pendent u mhux konkluż u jsegwi għalhekk li huwa għadu fl-istess posizzjoni li kien fiha fit-3 ta’ Mejju 2001, jiġifieri għadu fil-kariga tiegħu ta’ Spettur. L-Attur jgħid li konsegwentement, il-ksur tad-drittijiet tiegħu għadhom sejrin u qed jsofri danni konsiderevoli sal-lum.

Għalhekk kellu jagħmel din il-Kawża.

**Punti ta’ Liġi**

Kif diġa’ rilevat aktar ‘l fuq, il-Kawża tħalliet għal-lum biex il-Qorti tiddeċiedi r-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuti u ċioe’ dik tar-res judicata. B’din l-eċċezzjoni l-konvenuti qiegħdin jgħidu hekk:

‘’Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jeċepixxi illi t-talbiet elenkati fir-rikors ġuramentat in risposta huma *res judicata stante* illi huma talbiet għal likwidazzjoni u dikjarazzjoni ta' danni liema talbiet ġew deċiżi permezz tas-Sentenza finali tal-4 ta' Mejju 2022 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***"David Gatt v. Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru"*** (rikors numru: 1262/10/1 JRM). Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tipproċedi sabiex tisma' l-kawża odjerna u *stante* illi t-talbiet odjerni huma ***Res Judicata****’’.*

Għal dak li għandu x’jaqsam mal-punti ta’ dritt konness mal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad, li llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fit-tagħlim tal-awturi u kif ukoll fl-ermenewtika sentenzjali dwar x’inhuma l-elementi biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista’ tintlaqa’.

Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh it-tagħlim, li biex dik l-eċċezzjoni jkollha suċċess jeħtieġ li t-tliet elementi jiġu provati b’mod kumulattiv, għaliex jekk mod ieħor, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*).

L-eċċezzjoni tal-ġudikat hemm referenza għaliha fl-artikolu 730 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jiddisponi li din l-eċċezzjoni għandha tinqata’ b’kap għaliha ukoll jekk flimkien mal-mertu fis-Sentenza finali. Irid jingħad li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala bażi tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex iġġib ċertezza fil-jeddijiet li jiġu determinati f’sentenza u li

għalhekk tiskarta l-possibilita' ta' Sentenzi kontradittorji u li ġġib fix-xejn il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-Sentenza illi tkun ingħatat u ma għandniex xi ngħidu tal-partijiet. Kull Sentenza timmira li titermina definittivament u b'mod irriversibbli l-*lite*.

Għalhekk minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni (Ara **App. Ċiv. 5.10.1998 fl-ismijiet J. Camilleri -vs- L. Mallia (Kollez. Vol: LXXXII.ii.305**).

Għalhekk dan il-prinċipju huwa addossat b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn vertenza tkun ġiet definita u trattata, s-Sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza ( Ara **Sentenza tal-P.A. tal-11 ta' Marzu 1949 fl-ismijiet Cassar Parnis -vs- Soler (Kollez. Vol: XXXIII.ii.344**). Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġa' jeżisti fil-waqt li tingħata s-Sentenza fl-ewwel kawża (Ara **Sentenza P.A. per Imħallef Geoffrey Valenzia tas-27 ta' Gunju 1995 fl-ismijiet A.P. Farruġia noe -vs- T. Borġ Reveille et**).

Matul iż-żmien, inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul dwar it-tifsira preċiża li għandha tingħata lill-frażi l- "istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa aktar minn ovvju, li l-eċċezzjoni tal-

ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' Sentenza. Il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel Sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza (Ara dwar dan il-punt **Codice Civile Annotato, Pescatore/Ruperto, pg 2841 para 11. Pub Giufrre', 7th Ed 1978**).

Din il-Qorti hija tal-fhema, li l-aħjar mod ta' interpretazzjoni hija dik, li jiġi eżaminat x'intalab u x'ġie deċiż. Għal din il-Qorti, l-parti dispositiva tas-Sentenza għandha piż kbir, għalkemm mhux bil-fors l-uniku, għaliex wara kollox l-esekuzzjoni tas-sentenza huwa intrinsikament marbut ma' din il-parti tas-Sentenza, kif fil-fatt anke jidher mill-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010 fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jiġi rilevat li l-eċċezzjoni tar-resjudicata qed tingħata fid-dawl tas-Sentenza fl-ismijiet David Gatt -vs- Onor Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi et rikors numru 1262/101/1 JRM tal-4 ta' Mejju 2022. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex qabel din, kien hemm Sentenza oħra fl-ismijiet David Gatt -vs- Prim Ministru Hon Edward Fenech Adami et tas-27 ta' April 2009 konfermata fl-Appell fis-6 ta' Settembru 2010 fejn fost oħrajn din is-Sentenza qalet testwalment li "qed tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni jekk huwa (Sic Dr-David Gatt) sofra tali danni". Dan qiegħed jingħad għall-korrettezza tal-fatti kollha tar-retroxena għall-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti llum.

Fil-Kawża fl-ismijiet Gatt -vs- Gonzi (supra) l-Attur kien qiegħed jitlob hekk:

"(a) li *d-deċiżjoni meħuda mill-imħarrkin li jitolbu li jerġgħu jittieħdu kontrih proċeduri dixxiplinari quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija att amministrattiv li jmur kontra l-prinċipji ta' dritt naturali bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) u l-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(b) issib li ma tiswiex fil-liġi l-ittra mibgħuta lilu mill-imħarrkin fil-15 ta' Ottubru, 2010, li għarrfitu bit-teħid tal-imsemmija proċeduri dixxiplinari fil-konfront tiegħu;*

*(ċ) tordna li jibqgħu fis-seħħ "b'mod definit" l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Rik. 1680/10) maħruġ fis-17 ta' Novembru, 2010; u*

*(d) ssib li huwa intitolat li jitħallas kumpens, filwaqt li żamm sħiħ kull jedd ta' azzjoni għad-danni*".

Minn dan jirrisulta bl-aktar mod ċar li l-azzjoni f'dik il-Kawża kienet ippostulata taħt artikolu 469A li jitratta l-iskrutinju u stħarriġ mill-Qrati ta' deċiżjonijiet amministrattivi abbażi tad-duttrina tal-ultra vires.

Fil-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti jidher ukoll ċar, li azzjoni li għandha hija purament għad-danni minħabba nuqqas fl-għemil tal-Awtorita' marbuta mal-fatt li kellhom jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħu u dawn baqgħu qatt ma ttieħdu biex għalhekk tħalla fil-limbu, bl-argument tal-Attur li allura għadu fil-korp mingħajr qatt ma tħallas salarju. Għalhekk, L-Attur b'din il-kawża, kuntrarjament għal Kawża l-oħra, qiegħed jimputa lill-konvenuti aġir li la huwa konformi mal-obbligi kuntrattwali tagħhom u għalhekk inadempjenza kuntrattwali u kif ukoll negliġenza.

Di piu', fil-Kawża l-oħra qiegħed jitlob kumpens u mhux danni tant li rriserva l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Issa tajjeb li jingħad li artikolu 469A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba <u>għall-ħlas tad-danni</u> li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk <u>id-danni</u> ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra*" (Emfażi tal-Qorti).

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti trid tqies jekk talba għall-kumpens f'dawn il-proċeduri hiex ekwivalenti għal talba għad-danni. Jidher li meta fil-Kawża l-oħra l-Attur talab l-kumpens ma jidhirx li kellu f'moħħu li qiegħed jitlob id-danni, ironikament jidher li f'dik il-Kawża kemm il-konvenuti u anke l-Qorti jagħmlu distinzjoni bejn it-tnejn tant li f'dik is-Sentenza intqal hekk:

"*Fl-aħħar nett laqa' billi qal li r-raba' talba dwar għoti ta' kumpens ma tiswiex <u>għaliex talba bħal dik ma hemmx lokha f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju</u>, <u>li tagħti rimedju ta' ħlas ta' danni biss</u> fil-każijiet u ċirkostanzi maħsuba mil-liġi.*"

Minn dan jirrisulta b'mod ċar, li kemm dik il-Qorti u anke l-konvenuti f'dik il-Kawża jagħmlu distinzjoni netta bejn kumpens u danni. Għalkemm dawn iż-

żewġ kelmiet ta' spiss ikunu interkambjati, f'sens ġuridiku ma hux hekk, għalkemm it-tnejn jistgħu jipprovdu għall-ħlas pekunjarju.

Il-kumpens huwa kunċett wisgħa u jikkomprendi telf li bil-kunċett ta' danni ma jistgħux ikunu kwantifikati. Każ partikulari ta' kumpens morali hija għal tbatija u għali ta' dak li jkun. Fil-waqt li d-danni jindirizzaw telf patrimonjali li ma hux neċessarjament hekk fil-każ ta' kumpens. Fil-waqt li d-danni huma maħsuba li jpoġġu lill-persuna fil-posizzjoni li kien qabel ma sofra l-ħsara, il-kumpens normalment jingħata *in solitium* biex jagħmel tajjeb għal dik d-dimensjoni emottiva tal-bniedem, li ma tistax titqies bil-kejl jew kalkoli ordinarji. Fil-waqt li f'sens ġenerali, d-danni huma matematikament aċċertabbli mhux hekk il-kumpens, peress li dan huwa maħsub għal sitwazzjoni ntaġibbli tas-sofferenti.

Għalhekk meta din il-Qorti tqies dawn il-konsiderazzjonijiet ma tistax tqies li ġew sodisfatti ż-żewġ elementi tal-"*eadem res* "u "*eadem litis pendentia* "għaliex din il-Qorti ġiet adita biex tikkonsidra *lite* li f'sens ġuridiku huwa differenti minn dak li ġie deċiż fis-Sentenza l-oħra. Il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Camilleri -vs- Baldacchino" tal-P.A. tal- 5 ta' Mejju,1898**, fejn intqal li "….*La diversita` dell'oggetto fa mancare lo estremo essenziale dell'identita` della cosa giudicata"* (Ara **Vol. XVI. II. 253. pg 255**).

Għalhekk il-bażi għal dan ir-rekwiżit hija ċara: sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza preċedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-

somiljanza mhix ostaklu għall-talba ġdida għaliex l-effetti ta' Sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati. Issa f'din il-Kawża l-Attur kjarament qiegħed jitlob id-danni għall-fatt li minkejja kellhom isiru proċeduri kontra tiegħu, sa mit-3 ta' Mejju 2001 huwa sofra d-danni, ħaġa li ma kienitx qed tintalab fil-Kawża l-oħra. F'dan l-istadju din il-Qorti mhux ser tidħol dwar x'kienet il-kawża ta' dan id-dewmien għaliex dak li trid tiddeċiedi din il-Qorti hija biss l-eċċezzjoni tar-res judicata. Dan fattur li jkun kkunsidrat aktar 'l quddiem.

Kwantu għal "*eadem litis pendentia*". Fis-**Sentenza fl-ismijiet Don Vincenzo Galea noe -vs- Luigi Camilleri tal-P.A. tal-15 ta' Frar 1957** il-Qorti qalet *li "wiehed mill-elementi tar-'res judicata' hija l-'eadem causa petendi', Din il-kondizzjoni tirrikjedi li 'the cause of the claim' kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat"* ( **Vol. XLI. II. 900**).

Il-**Prof. Caruana Galizia f'"Notes on Civil Law" (Pt. IV p.1428)** spjega li l-causa pendenti hi "*the title on which the demand is based*". Illi għalhekk, din hija t-titlu, ċioe', l-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"*eadem causa petendi*" tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'Sentenza li għaddiet in ġudikat.

Huwa utli li f'dan l-istadju ssir referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-Sentenza suċitata nkwantu jirrigwarda l-azzjoni postulata abbażi tal-artikolu 469A tant biex jiġu ukoll rilevat d-differenza ġuridika bejn din l-azzjoni u dik li

għandha quddiemha. Din l-osservazzjoni tal-Qorti saret ukoll fid-dawl tal-eċċezzjoni tar-res judicata:

"*Illi fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv huwa mgħallem li "by quashing the court declares that some purported decision or determination is irregular or futile and therefore of no effect in law. The result is to establish that no one need take heed of it. The question at issue has not been lawfully determined, and the responsible authority must start again and determine it properly. The difference from a declaratory judgment is that quashing positively invalidates the offending decision or act, whereas a declaration of invalidity merely leaves it exposed to other remedies if required";*

*Illi dan ifisser li jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju*, *dak l-għemil jiġi daqs li kieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss".*

Issa għalhekk, huwa aktar minn ċar, li fil-waqt li fil-Kawża l-oħra l-premessi jiskaturaw mill-azzjoni taħt artikolu 469A mentri dik li għandha quddiemha din il-Qorti jiskaturaw minn azzjoni ordinarja tad-danni. Żgur ma jistax jingħad li dawn iż-żewġ azzjonijiet huma ekwiparabbli għal xulxin.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qed tiddeċiedi l-vertenza li għandha quddiemha bil-mod segwenti:

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni** tal-konvenuti tar-res judicata u tordna l-prosegwiment tal-Kawża.

Spejjeż ta' din id-deċiżjoni parzjali għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**